**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 576/02 AE**

**Forestals (Appliances) Ltd**

**Vs**

**ITB Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sbatax-il lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm817.29), rapprezentanti l-import ta' tnax-il kambjala ffirmati fid-9 ta' Awissu 2001 u fl-10 ta' Awissu 2001 u li kienu dovuti u skaduti f'dati diversi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra l-kambjali li gew prezentati mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tmien mija u sbatax-il lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm817.29), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**